MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 8 ta' Mejju 2020 **Ref:** DLAP 128/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Isabel Zerafa – Uffiċjal Edukattiv, Xjenza (Primarja)

**Suġġett:** The Hunt – Kids' Virtual Science Quest

---

Iċ-Ċentru tax-Xjenza fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar qed jorganizza inizzjattiva bl-isem **The Hunt: Kids' Virtual Science Quest**. L-għan tal-inizjattiva hu biex l-istudenti jiżviluppaw ħiliet fejn isolvu l-problemi u kapaċità li jagħmlu riċerka onlajn. Din hija inizjattiva mmirata lejn tfal bejn is-7 u l-11-il sena, flimkien mal-ġenituri u tuturi tagħhom, biex jieħdu sehem fi tfittxija għat-teżor virtwali ibbażata fuq ħiliet u kompetenzi Xjentifiċi.

L-inżjattiva The Hunt se tittella b'mod virtwali **fit-3ta' Ġunju 2020 fl-10:00**. Il-parteċipanti huma ġentilment mitluba jsegwu l-istruzzjonijiet fuq il-grupp ta' Facebook – The Hunt: Kids' Virtual Science Quest sabiex jidħlu fit-tfittxija għat-teżor virtwali. Il-Ġenituri/Gwardjani huma ġentilment mitluba ikunu mat-tfal meta dawn jużaw il-Facebook. Biex wieħed jipparteċipa fit-tfittxija għat-teżor virtwali hemm bżonn li jniżżel l-applikazzjoni **Actionbound** minn fuq apparat Android jew iOS. L-applikazzjoni tista' tiġi aċċessata wkoll minn fuq it-Toolbox fl-OTPC Tablet.

Il-parteċipanti huma ġentilment mitluba li jagħżlu **wieħed** minn żewġ kategoriji:

- Tfittxija għat-teżor virtwali għall-istudenti fit-Tielet u fir-Raba' sena tal-Primarja.
- Tfittxija għat-teżor virtwali għall-istudenti fil-Ħames u fis-Sitt sena tal-Primarja.

Membri tal-familja huma imħeġġa li jipparteċipaw ukoll. Minkejja dan, wieħed għandu jirreġistra fuq bażi individwali.

Persuni li huma interessati fl-inizjattiva huma mistiedna jirreġistraw sa mhux iktar tard minn nhar **l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2020** billi jimlew il-formola ta' reġistrazzjoni f'din il-ħolqa.

Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar se jippremja lill-ewwel tliet parteċipanti ta' kull kategorija. Il-kits tax-Xjenza, sponsorjati minn HSBC Malta Foundation, ser jiġu mogħtija bħala premju lil dawn l-istudenti kif muri hawn taħt:

| L-Ewwel Kategorija (it-Tielet u r-Raba' sena) | |
|---|---|
| L-Ewwel premju: | Electricity and Magnetism |
| It-Tieni premju: | Archeology Pyramid Dig |
| It-Tielet premju: | Rubber Band Racers |

| It-Tieni Kategorija (Il-Ħames u s-Sitt sena) | |
|---|---|
| L-Ewwel premju: | Kids First Biology Lab |
| It-Tieni premju: | Geckobot |
| It-Tielet premju: | Solar Mechanics |

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Id-Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**